# ŻAMM KELMTU !

It-taħdita kienet fi dverna kajmana għal l-aħħar bejn żewġ flien li isimhom tnizżel bosta drabi fil-Kotba tal-ħabs; it-tnejn minsubin quddiem mejda msewsa; bit-tazzi ta' l'inbid quddiemhom.

"Afli barun" ħaqqaq kemm-il-darba b'dehwa liema bħalha sieħbu, "afli xbajt u xbajt sat-tarf ta' mnieħri, iddejjaqt nitkexkex hekk kif nilmaħ xi pjantun ma' wiċċi fit-triq; marridx inżid iżjed fis-serq, fl-għelt, fil-ftuħ tal-bibien, irrid nibda lant ieħor, ħaġ'oħra, irrid inpaspar, infassal xi ħaġa milli nifhem, bla taqriq; xtaqtek miegħi, xtaqtek ukoll taqbad raj ieħor, triq aktar ta' wixx, aktar ta' rġulija..."

"Int maħżun nistħajjel għandek kemxa ġmielha; jekk turini mqar tarf ta' ħajra, aktarx il-quddiem m'hux fil-bgħid nistgħu nkunu nagħtu *bidu*; imbagħad jekk tiġina ġewża, afli nieħdu nifs aħjar, aktar bla xkiel nixxierku ma' nies li isimhom ikun nadif; jidhirli li tajthielek bl-imgħarfa biż-żejjed, biss jekk tistmerr, rajja f'idejja, li ħsibt inwettqu."

Il barun nefaħ waħda, rema b'ilsienu il-biċċa tat-tabakk li kien igiddem bejn snienu u rifisha b'herra kbira : "Mel'illum, kelli nisma' li l-pampalun tagħna Paddi, sar ġiefi, sar bajtra mħassra, patata mgħaffġa, sar jibża minn dellu, lili balleġ, iridni artab bħalu; phu għalik !" araħ jaqbad it-tazza ta' l'inbid u jxewlaħ il-fdal b'herra f'wiċċ sieħbu u jqum għal barra. Il-Paddi b'wiċċu jżelleġ u jqattar l-ilma miżbuħ taħt lħitu muswaf, jaħtaf il-barun minn sidru : imbuttah mal-ħajt u għasfar jiġri l-barra.

Għaddew ħamsa, tmienja, għaxar snin minn din it-tlewwima. Kienet lejla waħxija fil-qieraħ tax-xitwa, dlam ċappa xita ma tehda xejn, leħħ ta' beraq, tkarwit ta' ragħad, tisrip ta' żlieżel waħda f'waħda, it-toroq baħħ, kont tista' toqtol u tidfen. Il barun imkebbeb f'kapott li kien ħassel fid-dabbir tiegħu, erħilu b'għajnejh ta' seqer ikejjel u jgħar rex it-twieqi ta' villa sabiħa ġdida. Mita deherlu li kollox kien baħħ u mitbuq tassew, tala' bħal għafrid ma' l-bieb tal-ħadid u qabeż bla ħoss ġewwa; tkaxkar qajl, qajl mal-ħajt; wasal taħt gallarija mikxufa; qabbad difrejh u riġlejh ma' siġra felħana u f'kemm trodd salib sab ruħu maċ-ċint tal-balavostri ; ħareġ minn ħobbu daqxejn ta' barżakka bl-għodod tal-ftuħ kull daqs u għamla u erħilu jgħawwar sakemm il-bieb tbexxaq u daħal imbajja ġewwa donnhu fatat tal-ħrejjef; ġieb mill-but

nitfa ta' lampa mtappna li tixgħel weħidha u baqa' mbajja jgħarrex għal kaxxa tal-ħadid; hekk kif ir-ram tal-bwejba lellex, ħa n-nifs; ħareġ kemm il-barrada, skricpel, iżda...toħroġ il-għaġeb, qatt daqs dik il-lejla ma qdewh hekk ħażin ! X'il-mniefaħ tahom? Għaliex donnhom sifjiet quddiem il-fetħa tal-mgħarrqa bwejba ? Jitgħawwġu, jixxellfu, donnhom tal-qasab !!...

Għaraq kiesaħ beda jġelben ma' moħħu kollu u għad li biddel u qalleb kemm il-għodda, iżda kollox safa' fix-xejn. Mita kien qata' qalbu u qabad iħejji ruħu biex jiġbor ħwejjġu u jparpar, lemaħ b'rogħda mal-ħajt ta' quddiemu ifeġġ raxx dawl qawwi, tafa malajr tiegħu u fis trekken bħal ġurdien mar-rokna. Kienet ir-ronda li lemħet il-bieba tal-gallarija tal-villa mberrħa u għamlet minnufih id-dawl; instama' ħoss ta' mixi, iżda dan kien kollu għal ftit ħin, għaliex waqa' malajr kollox fis-skiet. Il-barun mita deherlu li kellu jisgiċċa tala' minn rkuptejh jitwieżen fuq truf subgħajh t'idejh, iżda dikment ħass taħbat ma' wiċċu il-ksuħa ta' żewġ kanen ta' revolvrijiet li ħeddlitu u bikkmitu għal kollox.—

Sid il-villa bil-piġama b'nofs daħqa tiddi fuq xuftejh bil-qegħda fuq mejda tal-ġewż b'saqajh jitbandlu staqsa lill-pjantun li kien dieħel : Ara hux mgħobbi bl-għodda tan-nar, il *ħabib* ?

Il-barun aktar inħasad għal-leħen li għarfu biżżejjed, ried jitħaddet iżda lsienu tqal ċomb; il-pjantun dawwarlu wiċċu lejn il-ħajt u naddaflu bwietu kollha, imbagħad xikklu b'ħadid li aktarx Sansun tal-Kotba Mqaddsa kien jitmeżmeż iżarrat u mexxieh għal barra. Il-furban ħass bħal kalamita li jħares lejn il-Kaxxa tal-ħadid, għajnejh ltaqgħu mal-pjanċa tar-ram tlellex u b'ħalqu miftuħ bħal nakkra qara :—

MAGĦMULA

MINN

PADDY u SĦABU

AMERKA.

Għżira 20/4/34. CARM. ABELA HYZLER